MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 72/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charmaine Vella**
**Giovanni Conte**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charmaine Vella u Giovanni Conte talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur bejn Frar u Gunju tas-sena 2003 u fiz-zmien ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi

holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Julian Calleja, E.H. Shadbolt u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta, HSBC u banek ohra u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta, HSBC u banek ohra, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karti imsemmija u dan bi ksur ta' l-artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi ure haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistena ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm900 ghad-detriment ta' Julian Callejja, E.M. Shadbolt, Bank of Valletta, HSBC, Bibi Limited, Total Eclipse, John Bugeja u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

d. xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex imexxuhom jew ibieghuhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. talli fl-istess zmien mill-Manikata ikkommettew serq fir-residenza ta’ E.M. Shadbolt I tinsab f’Villa Bloqq, Triq Mejjiesa, Manikata ta’ cekkijiet minn cheque book tal-Bank of Valletta u dan ghad-dannu ta’ E.M. Shadbolt, liema serq hu kwalifikat bil-persuna u bil-mezz;

f. u aktar talli b’qerq fethu xi oggetti postali li kellu jigi ikkunsinjat, jew b’qerq ghamlu xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggetti postali tkun impeduta jew imtawla, jew ghamlu uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh, billi fethu ittra li kellha fiha chequebook u li kellha tigi ikkunsijata lil Julian Calleja u dan bi ksur tal-artikolu 51 tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Giovanni Conte wahdu talli sar recidiv permezz ta’ sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 7 ta’ Dicembru 2000, 6 ta’ Dicembru 2000, 10 ta’ Lulju 2001 u 16 ta’ Lulju 2001 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Charmaine Vella wahedha talli ikkommettiet reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 18 ta’ Frar 2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-appellati (allura imputati) sabithom hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannat lill-imsemmija Charmaine Vella tlettax-il xahar prigunerija (li jinkorpora z-zmien ta' sitt xhur prigunerija li ghalihom kienet giet ikkundannata b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Frar 2002 u li kienu gew sospizi ghal perijodu ta' sentejn b'dik is-sentenza izda li gew rezi effettivi bis-sentenza appellata) bit-tnaqqis taz-zmien li ghamlet taht arrest preventiv mit-23 ta' Awissu 2003 sad-data tas-sentenza appellata filwaqt li kkundannat lill-imsemmi Giovanni Conte tlettax-il xahar prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv mit-23 ta' Awissu 2003 sad-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentata fit-23 ta' Marzu 2004 fejn talab lil din il-Qorti biex thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok terga' tibghat l-atti processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi mill-istadju li kien ezistenti fil-mument li l-appellati rregsitraw ammissjoni u qabel ma dik il-Qorti zbaljatament ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza;;

Rat ir-risposta ta' l-appellati u t-twegiba ta' l-appellant;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel pregudizzjali ta' l-appellati huwa li l-appell huwa null peress li gie ntavolat *fuori termine*. Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2004 pero` dan il-pregudizzjali gie rtirat u ghalhekk din il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni aktar tieghu.

Fil-mertu jidher li l-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali. Fir-rikors ta' appell tieghu jsostni li l-ewwel Qorti erronejament irradikat lilha nnifisha kompetenza u gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi u taqta' l-kaz hi meta proprjament skond il-ligi kien jispetta biss lill-appellant jirrinvijax ghall-gudizzju lura lil dik il-Qorti jew inkella johrogx att ta' akkuza fil-konfront ta' l-appellati (allura imputati). Dan gara, ighid l-appellant, minhabba interpretazzjoni erroneja li ghamlet l-ewwel Qorti ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali. Skond l-appellati, pero`, galadarba l-ewwel Qorti setghet a tenur ta' l-imsemmi artikolu taghti decizjoni minnufih meta jitressaq imputat u jammetti l-htija, isegwi li dik il-Qorti setghet taghti sentenza f'kull stadju jekk u meta l-imputati jbiddlu r-risposta u jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet li jkunu gew dedotti kontra taghhom.

Din il-Qorti ezaminat il-provvedimenti rilevanti tal-Kodici Kriminali u tista' tghid mill-ewwel li taqbel ma' dak li qal l-appellant.

Jinghad l-ewwelnett li l-artikolu li jiddetermina l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huwa l-artikolu 370. Skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu - li gie mizjud bis-sahha tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 81 ta' l-Att III tas-sena 2002 - dik il-Qorti *"hija wkoll kompetenti li taghti s-sentenza lill-akkuzat fic-cirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A"*. Jekk ma jirrizultawx ic-cirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 392A mela, il-Qorti tal-Magistrati, salv dak li hemm provdut fis-subartikoli precedenti ta' l-artikolu 370, ma tistax tghaddi ghas-sentenza. X'inhuma dawn ic-cirkostanzi?

L-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali gie mizjud permezz ta' l-artikolu 85 ta' l-Att III ta' l-2002. Ghall-finijiet ta' dan l-appell huwa opportun li jigu riprodotti l-partijiet rilevanti ta' dan l-artikolu:

**"392A(1) Jekk l-akkuzat, bi twegiba ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b), jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat u l-imsemmi reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 453(1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw bla hsara gahd-disposizzjonjiet li gejjin ta' dan l-artikolu."**

Bir-riferenza li qed issir f'dan l-ewwel subartikolu ghall-artikolu 392(1)(b), huwa evidenti li l-istadju li ghalih dan l-artikolu jirreferi huwa l-istadju ta' l-interrogatorju, ossia l-istadju ta' l-ezami, bla gurament, li jsir lill-imputat fil-bidu tal-kompilazzjoni wara li tkun semghet lill-ufficjal prosekutur iwettaq ir-rapport bil-gurament. L-ezami jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ssaqsi lill-imputat il-generalitajiet tieghu (skond l-artikolu 392(1)(a)) imbaghad (salv dak li jipprovdi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370) issaqsieh jekk iridx u xi jrid iwiegeb ghall-akkuza (skond l-artikolu 392(1)(b)). Jekk l-imputat iwiegeb li hu hati, u r-reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, dik il-Qorti ghandha twissieh

b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha (skond l-artikolu 453(1)). Jekk l-imputat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu, il-Qorti Istruttorja tittrasforma ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u taghti s-sentenza skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 392A:

**"392A(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra, jekk l-akkuzat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat il-Qorti bhala qorti ta' gudikatura kriminali ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol."**

Din il-procedura tippermetti wkoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali - introdott bl-artikolu 108 ta' l-Att III ta' l-2002 - li permezz tieghu l-partijiet jistghu jitolbu lill-Qorti (qabel ma ssir il-mistoqsija lill-imputat skond l-artikolu 392(1)(b)) li fil-kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, hija tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 392A fil-fatt jipprovdi:

**"392A(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 453A ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) izda ghandu, ghal dak l-iskop, jidher l-Avukat Generali ghall-prosekuzzjoni, u nota li ssir mill-Avukat Generali u l-imputat flimkien, u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A imsemmi, tkun bizzejjed ghal dan il-ghan."**

Fil-kaz in ezami l-appellati tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fit-23 ta' Awissu

2003. Dakinhar l-Ispettur Helga Debono wettqet ir-rapport bil-gurament u wara sar l-ezami ta' l-appellanti li wiegbu li mhumiex hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Il-kompilazzjoni tal-provi bdiet fid-9 ta' Settembru 2003 u fit-23 ta' Settembru 2003 inghata digriet fis-sens li wara li nghalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, dik il-Qorti ddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imharrkin jitqieghdu taht att ta' akkuza, u ghalhekk baghtithom biex joqoghdu taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti u ordnat li l-attijiet tal-kompilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali. L-atti gew rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fis-27 ta' Ottubru 2003, intbaghtu lura lill-Avukat Generali fl-10 ta' Novembru 2003, rinvijati lil dik il-Qorti fid-9 ta' Dicembru 2003, lura lill-Avukat Generali fil-11 ta' Dicembru 2003 u mill-gdid rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fit-8 ta' Jannar 2004.

M'hemm l-ebda dubju minn dan kollu li l-procedura li bdiet tigi segwita f'dan il-kaz kienet dik skond l-artikoli 401 u 405 tal-Kodici Kriminali. Una volta mibdija tali procedura, din trid titkompla sakemm jew jigi pprezentat l-att ta' akkuza jew l-Avukat Generali jibghat l-imharrek biex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Gara izda li f'seduta mizmuma fil-21 ta' Jannar 2004 l-appellati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Frar 2004 meta ma nghatatx u l-atti ntbaghtu lill-Avukat Generali. Fl-4 ta' Marzu 2004 l-atti gew rinvijati mill-Avukat Generali lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja biex din tkompli tisma' xi xhieda minnu indikati, izda fil-11 ta' Marzu 2004, billi l-appellati ppersistew fl-ammissjoni taghhom, inghatat sentenza - kif jirrizulta mill-kopja annessa ma' l-atti - mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) <u>bhala Qorti Istruttorja</u>.

Ic-cirkostanzi li fihom inghatat din is-sentenza ma kinux dawk imsemmijin fl-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali izda, kif spjegat, kienu ben differenti. Barra minn hekk il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja **m'ghandhiex** il-kompetenza li taghti sentenzi - din hija l-kompetenza tal-

Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta car mill-artikoli 370 u 377 tal-Kodici Kriminali.

L-appell ta' l-Avukat Generali konsegwentement jimmerita li jigi milqugh.

Fl-ahharnett din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll l-izball li gie ripetut f'hafna mill-verbali fl-atti tal-kompilazzjoni (zball li sfortunatament osservat f'kawzi ohra) fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li kienet qed tisma' l-kompilazzjoni giet deskritta bhala "Qorti ta' Gudikatura Kriminali" minflok "Qorti Istruttorja"[1]. Din il-Qorti tittama li ma jkollhiex ghalfejn terga' tattira l-attenzjoni ta' min hu koncernat ghal dan l-izball li jista' sahansitra jigi evitat ghal kollox billi l-verbali jsiru fuq folji minghajr ebda intestatura.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur biex minnufih jibghat l-atti processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi mill-istadju li kien ezistenti fil-mument li l-appellati rregistraw ammissjoni u qabel ma' dik il-Qorti erronejament ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara fol. 16, 111, 114, 117, 118, 119, 126, 142.